# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 857/01**

**Numru 29**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Andrew u Mary Grace mizzewgin Caruana**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u disgha u tmenin Liri Maltin (Lm1,989.00) import ta' sbatax-il (17) kambjala migbuda mis-socjeta Daewoo (Malta) Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fit-3 ta' Mejju, 3 ta' Gunju 2000, 3 ta' Lulju 2000, 3 ta' Awissu 2000, 3 ta' Settembru 2000, 3 ta' Ottubru 2000, 3 ta' Novembru 2000, 3 ta' Dicembru 2000, 3 ta' Jannar 2001, 3 ta' Frar 2001, 3 ta' Marzu 2001, 3 t'April 2001, 3 ta' Mejju 2001, 3 ta' Gunju 2001, 3 ta' Lulju 2001, 3 ta' Awissu 2001, 3

ta’ Settembru 2001 rispettivament (Dok “A1 sa A17”) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu, 2001 (Dok B) u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li gew pprezentati mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-kambjalijiet, b’kollox sbatax, anessi mal-istess atti a fol 3 sa fol 8 tal-atti, kif girati favur is-socjeta attrici.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-7 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1,989.00 bl-imghax ulterjuri dovuti mill-iskadenza ta’ kull kambjala in atti sad-data tal-pagament

effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001, esebita bhala Dok B a fol 10 tal-istess atti u tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru tad-9 ta' Ottubru 2001, imsemmijin fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur